MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2011

Numru 1350/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR MALCOLM BONDIN**
**VS**
**PATRICK CAMILLERI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Patrick Camilleri ta’ 57 sena, iben Antonio u Angele nee’ Gera, imwieled tas-Sliema nhar l-20 ta’ Gunju 1953, residenti Rocheville, Triq Santu Wistin, Swieqi u detentur tal-karta ta’ l-Identita’ 448753(M):

Illi huwa akkuzat talli:

a) Nhar it-8 ta’ Novembru 2010 ghall-habta tad-9:00p.m. gewwa residenza Rocheville, Triq Santu Wistin, Swieqi, ikkaguna lil missieru Antoine Rosario Camilleri biza li ser tintuza xi vjolenza kontrieh jew kontra l-propjeta’

tieghu, jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti jew diffendenti jew xi persuna msemmija fl-Art.222 (1);
b) Aktar talli hebb kontra Antoine Rosario Camilleri sabiex tingurjah, iddejjqu jew taghmel hsara lilu jew lil haddiehor;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tipprovdi ghall-protezzjoni ta' Antoine Rosario Camilleri skond l-Art. 412C u kif ukoll tordna Ordni ta' trazzin skond l-Art. 382A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Kif jidher mix-xhieda prodotta f'din il-kawza, Antoine Camilleri, missier l-imputat, kien lest li jahfer lil ibnu (l-imputat) mill-ewwel seduta datata 9 ta' Dicembru 2010, basta l-imputat johrog minn daru fi zmien gimghatejn. Illi fis-seduta, pero', tas-7 ta' Jannar 2011, il-kwerelant Antoine Camilleri rega hafer lill-imputat minghajr l-istipulazzjoni tal-perijodu ta' zmien illi fih l-imputat kellu jevakwa d-dar fejn jabita Antoine Camilleri. Il-kwerelant Antoine Camilleri zied jghid:

*"Pero, anke jekk ikolli bzonn nghidilhom jitilqu, jitilqu minghajr ma jaghmlu affarijiet hekk."* (ara xhieda a fol.15)

Illi in vista ta' dana kollu u in vista tar-renunzja da parti tal-kwerelant, il-Qorti tiddikjara procediment ezawrit.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------